**Erġajt ftakart fija**

Erġajt ftakart fija
Jake, ħija u ħabib,
Anki f'għeluq snini
Tferraħni inti trid.

Donnok taf li nħobbha
'l din żaqqi ma nafx kemm,
Int dejjem għalija
Tifel twajjeb taf tħenn.

Dis-sena stennejtu
il-fish and chips hekk,
Wasal bl-akbar barka
Li ttini tal-Bambin.

U hekk kif bdejt nieklu
Xi ħlewwa u x'paċi,
Jake, taf x'għamilt wara?
Kilt waħdi tal-baci!

Għax naf li dar-rigal
Tajthuli b'imħabba,
Biex tibqa' tfakkarni
Li t-tajjeb jitrabba.

U jibqa' hekk joktor
Tant li jgħix, ma jmut qatt,
Jake, bħalma int fostna
L'għadek tħobb lil kulħadd.

Dis-sena se nwegħdek
Li se nitlef mill-piż,
Ħalli naħdem iktar
Ħafif, aktar preċiż.

Qed niekol bil-paċi
B'ħafna gratitudni,
Grazzi Jake minn qalbi
Ħa nagħsar il-lumi.

Hekk il-ħuta tinżel
Fis-skiet mal-patata,
Hekk tajba w moqlija
Inħossni f'xalata.

Int ħabib speċjali
Mimli bit-tjubija,

Ma’ San Leopoldu
Erġajt ftakart fija.

Patri Mario Attard OFM Cap
3 ta’ Settembru

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.